Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni

(2019/C 189/08)



Wiċċ nazzjonali ġdid għall-munita kommemorattiva ta' EUR 2 maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mis-Slovakkja

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni għandhom status ta' valuta legali fiż-żona tal-euro. Sabiex tinforma lill-pubbliku u lill-partijiet kollha li jużaw il-muniti, il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinji tal-muniti l-ġodda kollha ([1]). F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 ([2]), l-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Unjoni Ewropea li jipprevedi l-ħruġ ta' muniti tal-euro huma awtorizzati li joħorġu muniti kommemorattivi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni kemm-il darba jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari li jintużaw muniti ta' 2 euro biss. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra ta' 2 euro, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom ikun fih disinn kommemorattiv li jkun tassew simboliku f'termini nazzjonali jew Ewropej.

Pajjiż li qiegħed joħroġ il-munita: Is-Slovakkja

Suġġett tal-kommemorazzjoni: Il-100 anniversarju mill-mewt ta' Milan Ratislav Štefánik

Deskrizzjoni tad-disinn: Id-disinn fih ritratt ta' Milan Ratislav Štefánik. Lejn ix-xellug tar-ritratt hemm id-dati tat-twelid "1880" u l-mewt ta' Štefánik "1919", wieħed fuq l-ieħor. Fuq in-naħa tax-xellug tal-parti ta' ġewwa tal-munita, f'nofs ċirku, hemm l-isem ta' "MILAN RILAISLAV ŠTEFÁNIK" u l-isem tal-pajjiż li qed joħroġ il-munita "SLOVENSKO". Is-sena tal-ħruġ "2019" hija bejn ir-ritratt u n-naħa tal-lemin. Taħt din is-sena l-ittri stilizzati "PV", l-inizjali tad-disinjatur Peter Valach, u taħthom hija l-marka taz-zekka taz-Zekka Kremnica (Mincovňa Kremnica), li tikkonsisti mill-ittri "MK" imqiegħda bejn żewġ forom.

Iċ-ċirku ta' barra tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

Għadd ta' muniti li huwa stmat li se jinħarġu: 1 000 000

Data tal-ħruġ: April 2019

([1]) Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuħ nazzjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

([2]) Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji-gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-ewro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).